DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2019/390 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tas-6 ta' Marzu 2019

li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106(a)(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u ta' ħames Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja skadew fis-6 ta' Ottubru 2018.

(2) Is-Sur Andreas KUMIN ġie nnominat għall-post ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Andreas KUMIN biex jaqdi d-dmirijiet ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Andreas KUMIN huwa b'dan maħtur Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sas-6 ta' Ottubru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Marzu 2019.

Il-President

L. ODOBESCU